MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 466/2003

**Avviz numru 466/03DM**

**Ideacasa Company Limited**

**Vs**

**Joseph u Anna Maria sive Miriam konjugi Coleiro**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenuti, sabiex ihallsu s-somma ta' elfejn, disa' mija sebgha u sittin lira Maltin (Lm2,967) rappresentanti valur globali ta' tlieta u ghoxrin kambjala annessi mall-avviz bhala 'Dok. 1' sa 'Dok. 23', bilanc ta' somma akbar dovuta in konnesjoni ma' bejgh ta' ghamara ;
Bl-imghax legali mid-dati tar-rispettivi skadenzi, bl-ispejjez legali, bl-ingunzjoni tal-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni u bir-riserva ta' kull dritt fil-Ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew illi:

1. L-ammont pretiz mis-socjeta' attrici ma' hix kollha dovuta kif jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza b'mod illi s-socjeta' attrici ghandha tbati parti mill-ispejjez gudizzjarji ;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tallum stess fejn il-kumpanija attrici rriduciet it-talba taghha mis-somma ta' elfejn, disa' mija sebgha u sittin lira (Lm2,967) ghas-somma ta' elfejn, mija u sittin lira (Lm2,160), u fejn il-konvenut kemm f'ismhu kif ukoll f'isem il-konvenuta l-ohra martu ammetta din it-talba kif giet ridotta u l-partijiet irrimettew ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti dwar l-ispejjez.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi t-talba attrici hija gustifikata u timmerita konferma dejjem ghar-rigward tal-ammont minnha mitlub u kif ridott bin-nota tallum stess, u ghaldaqstant qeghda tilqa' it-talba attrici u qeghda tikkundanna lill-konvenut u lill-martu, l-konvenuta Miriam Coleiro, sabiex in solidum bejniethom ihallsu lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta' elfejn, mija u sittin lira (Lm2,160) bl-imghaxijiet legali b'effett millum.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez tal-kawza, billi jirizulta illi l-kumpanija attrici ghamlet riduzzjoni ta' madwar hames mitt lira (Lm500) mill-ammont illi hija ppretendiet li tithallas fil-bidu nett ta' din il-kawza, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal (5/6) hames sesti mill-konvenut u sest (1/6) mill-kumpanija attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------